TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 444/10

**Michael u Denise Refalo**

**vs**

**Farrugia Lighting & Interiors**

Illum 29 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, u ħamsa w disgħin ewro (€1,095), rappreżentanti prezz ta' linfa li wara li twaħħlet bdew jaqgħulha xi affarijiet minnha.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma xtraw linfa għal prezz ta' elf u ħamsa u disgħin ewro (€1,095) u din il-linfa kellha diversi affarijiet neqsin kif ukoll oħrajn miksurin. Meta ġew *replaced* l-affarijiet, dawn bdew jaqgħu waħedhom minn fuq il-linfa.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi t-talba li hija preskritta a tenut ta' l-artiklu 1431 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fit-tieni lok il-linfa għadha fil-pussess tar-rikorrenti, u fit-tielet lok it-Tribunal huwa prekluż milli jakkorda rimedji, u fir-raba' lok it-talba għandha tkun kontra l-produttur u mhux kontra l-bejjiegħ, u fil-ħames lok il-linfa kienet aċċettata mir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, fl-ewwel lok jiċħad it-talba tar-rikorrenti stante li għalkemm il-linfa nxtrat f'Awwissu 2009 u l-kawża bdiet f'Novembru 2010, kien hemm diversi xhur fejn kien hemm diversi affarijiet neqsin u miksurin u allura t-talba mhix preskritta, minħabba l-fatt sakemm dawn l-affarijiet ġew *replaced*. Rigward it-tieni lok, it-Tribunal qed jiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u qed jiċħad ukoll it-tielet talba stante li t-Tribunal għandu jkun prekluż jisma dan il-każ u qed jiċħad ukoll ir-raba' darba stante li hu kien li biegħ il-prodott u qed jiċħad il-ħames talba illi kellhom jiġu *replaced* xi affarijiet u għalhekk kien hemm dan il-ftehim.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tmien mitt ewro (€800), b'dan illi l-linfa tiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**